MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Numru 1007/2005

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar u
Sp Carmelo Bartolo)
vs
Clyde Bonavia, iben Anthony,
imwieled Pieta' fid-9 ta' awissu,
1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-2 ta' novembru, 2005, f'xi ħin bejn il-11.15 a.m. u nofs inhar, fil-Kalkara, ikkometta serq ta' oġġett u cioe' mutur, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBI 324, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira maltija, bil-mezz u bin-natura tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Bartholomew Engerer u\jew persuni oħra;

2. talli fil-5 ta’ novembru, 2005 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema ħwejjeġ u cioe’ mutur tat-tip Yamaha, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBI 324, ġej minn serq ikkwalfikat bil-valur li ma jeċċediex l-elf lira maltin;
3. talli fl-istess żmien, lok, ħin u ċirkostanżi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika xjentement għamel dikjarazzjoni u\jew stqarrija falza u\jew ta tagħrif falz billi waħħal pjanċa tar-reġistrazzjoni falza, bin-numru FAL 206, fuq mutur tal-marka Yamaha, bin-numru oriġinali CBI 324;
4. talli fl-istess żmien, lok, ħin u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħal pjanċa tar-reġistrazzjoni falza, bin-numru FAL 206, fuq mutur tal-marka Yamaha, bin-numru oriġinali CBI 324;
5. talli fl-istess żmien f’ħinijiet differenti f’dawn il-Gżejjer, saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBI 324, mingħajr liċenzja tas-sewqan, u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ dwar riskji ta’ terżi persuni;
6. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenżi saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi tordna l-iskwalifika minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali

akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 188, 189, 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Inoltre, tordna s-sospensjoni ta' kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena minn meta jispiċċa jiskonta s-sentenza ta' priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------